**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 547/2017/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Gheorghe Popa**

Illum id-disgħa (9) ta' Novembru 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet[1] miġjuba kontra l-appellant **Gheorghe Popa**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 129842(A), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli fl-24 ta' Ottubru 2016 għall-ħabta ta' 9pm u/jew ħinijiet wara, ġewwa r-residenza numru 45, Żebbuġ Żgħir li tinsab Joann Garden, Ħal-Tarxien u/jew f'dawn il-gżejjer:

[1] *A fol.* 92 *et seq.*.

1. waqt li kien bla ordni skont il-liġi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil Yana Bland Mintoff minn Ħal Tarxien kontra l-volonta' tagħha fejn għamlilha offiża fuq il-persuna tagħha u/jew heddidha bil-mewt;

2. fl-istess ċirkostanzi bil-ħsieb li jagħmel delitt ta' ferita gravi fuq Yana Bland Mintoff minn Ħal Tarxien, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-eżekuzzjoni tad-delitt liema reat ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu;

3. fl-istess ċirkostanzi bil-ħsieb li jagħmel delitt ta' ferita gravi fuq Daniel Mainwaring minn Ħal Tarxien, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-eżekuzzjoni tad-delitt liema reat ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu;

4. fl-istess ċirkostanzi mingħajr il-ħsieb li joqtol u jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u ċioè offiża ta' natura ħafifa, magħmula bi strument li jaqta' jew iniggeż fuq il-persuna ta' Daniel Mainwaring minn Ħal Tarxien u Yana Bland Mintoff minn Ħal Tarxien skont ma ċċertifikawhom Dr. Ryan Camilleri (Reg. 3672) u Dr. Chris Giordmania (Reg. 3584) mill-iSptar Mater Dei rispettivament;

5. fl-istess ċirkostanzi filwaqt li kien qed jagħmel reat kontra l-persuna (minbarra omiċidju involontarju jew offiża involontarja fuq il-persuna), jew ta' serq jew ħsara fil-proprjeta' (minbarra ħsara involontarja fil-proprjeta') kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma regolari jew munizzjon jew xi imitazzjoni ta' dawk l-oġġetti;

6. f'dawn il-gżejjer garr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema

xorta jkun mingħajr ma kellu liċenzja jew permess mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija;

7. fl-istess ċirkostanzi qabad arma [sikkina] u/jew oġġetti oħra kontra Yana Bland Mintoff u Daniel Mainwaring minn Ħal Tarxien;

8. fl-istess ċirkostanzi u/jew żminijiet qabel hedded bil-fomm lil Yana Bland Mintoff minn Ħal Tarxien jew persuni oħra b'delitt fejn flimkien ma' dan it-theddid kien hemm ordni jew kondizzjoni;

9. fl-istess ċirkostanzi u/jew xhur qabel f'dawn il-gżejjer bl-imġieba tiegħu ġab ruħu b'mod li ta fastidju lil Yana Bland Mintoff, Daniel Mainwaring minn Ħal Tarxien jew xi persuni oħra b'mod li kien jaf jew kien imissu kien jaf li dan kien ta' fastidju għaliha;

10. fl-istess ċirkostanzi f'dawn il-gżejjer u/jew xhur qabel ikkaġuna biża' lil Yana Bland Mintoff u lil Daniel Mainwaring minn Ħanl Tarxien jew xi persuni oħra li ser tintuża vjolenza kontriha/hom jew kontra l-proprjeta' tagħha/hom jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna oħra;

11. fl-24 ta' Ottubru 2016, fl-istess ċirkostanzi u ħinijiet wara, waqt li kien f'dar numru 45, Żebbuġ Żgħir li tinsab Joann Garden, Ħal Tarxien u/jew f'dawn il-gżejjer volontarjament ta nar lil dar, maħżen, bini, għarix jew lok ieħor filwaqt meta ġewwa ma kien hemm ebda persuna, jew volontarjament ta n-nar lil materjal li jaqbad, u dan il-bini, għarix jew lok ieħor jew dan il-materjal kien qiegħed b'mod li seta' qabbad il-ħruq lil bini ieħor jew lok ieħor fejn f'dak il-waqt kien hemm xi persuna;

12. fl-istess ċirkostanzi, volontarjament ħassar, għamel ħsara, jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli u ċioè ħsara f'bini, u għamara u/jew oġġetti oħra f'residenza numru 45,

Żebbuġ Żgħir li tinsab f'Joann Garden, Ħal Tarxien liema ħsara teċċedi elfejn u ħames mitt Euro (€2500) għad-detriment ta' Yana Bland Mintoff u/jew ta' persuni oħra.

Il-Qorti giet mitluba biex tapplika Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta bl-iskop li tipprovdi għas-sigurta' ta' Yana Bland Mintoff, Daniel Mainwaring u/jew membri tal-familja tagħhom u/jew xi persuni oħra.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex, f'każ ta' ħtija, tipprovdi għas-sigurta' ta' Yana Bland Mintoff, Daniel Mainwaring u/jew membri tal-familja tagħhom u/jew xi persuni oħra u tapplika l-provedimenti ta' Artikoli 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll li, f'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skont Artikolu 533(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-12 ta' Diċembru 2017, fejn il-Qorti, filwaqt li ma sabitx lill-imputat ħati tal-ewwel (1), tal-ħames (5), tas-sitt (6), tat-tmien (8), tad-disa' (9), tal-għaxar (10) u tat-tnax (12)-il imputazzjoni u minnhom illiberatu, wara li rat Artikoli 17(h), 41(1)(a), 86, 87(1)(c), 87(1)(h), 202(h)(v), 214, 217, 218(1)(a)(2), 222(1)(a), 249(1)(2)(3), 251(A)(1)(2)(4), 251B(1)(2), 251H(a)(b)(f)(g), 317(b) u 325(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u Artikoli 6, 51(7), 55(a), 56 u 57 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tat-tieni (2), tat-tielet (3), tar-raba' (4), tas-seba' (7) u tal-ħdax (11)-il imputazzjoni u kkundannatu piena ta' sitt (6) snin priġunerija. *In oltre* b'applikazzjoni ta' Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qiegħdet lill-ħati taħt Ordni ta' Protezzjoni fil-konfront ta' Yana Bland Mintoff u Daniel Mainwaring skont id-digriet anness mas-sentenza. *Ai termini* ta' Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti fil-proċeduri, u ċioè is-somma ta' tnax-il elf, sitt mija u

wieħed u sittin Euro u sittin ċenteżmu (€12,661.60). Il-Qorti ordnat il-konfiska u d-distruzzjoni tas-sikkina eżebita fl-atti proċesswali.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fit-22 ta' Diċembru 2017 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha:*

***Tirriforma*** *s-sentenza mogħtija fl-ismijiet premessi mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kif presejduta mill-Maġistrat Dr. Joseph Mifsud, nhar it-12 ta' Diċembru 2017 billi:*

***Tikkonfermaha*** *fejn sabet lill-imputat mhux ħati tal-ewwel (1), tal-ħames (5), tas-sitt (6), tat-tmien (8), tad-disa' (9), tal-għaxar (10) u t-tnax (12) il-imputazzjoni li minnhom ġie liberat;*

*U* ***tirrevoka*** *s-sentenza fejn hija sabet lill-esponent ħati tal-akkużi l-oħra dedotti kontra tiegħu u dana għar-raġunijiet premessi u konsegwentement tillibera lill-appellant minn kull ħtija u tirrevoka l-piena hemm inflitta jew fl-agħar ipoteżi li jingħata piena aktar ekwa u ġusta għal fattispeċi tal-każ."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tal-5 ta' Ottubru 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta b'dan illi l-konsulent legali tal-appellant u tal-*parte civile* għamlu sottomissjonijiet ulterjuri bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi mill-atti proċesswali jirriżulta li l-appellant u l-*parte civile* Bland Mintoff kienu f'relazzjoni u l-appellant kien qed jgħix fid-dar tagħha. L-appellant beda jissusspetta li l-*parte civile* Bland Mintoff kellha xi relazzjoni ma' terz. Qabel l-akkadut tal-24 ta' Ottubru 2016 l-ewwel darba li skont il-*parte civile* msemmija kien hemm forma ta' theddida kienet meta wara li l-appellant kien wasal lura minn vjaġġ ir-Rumanija hija kienet talbitu ma jibqax jgħix magħha u li kienet krietlu kamra ġewwa lukanda. Wara dan l-avveniment l-appellant reġa' mar jgħix mal-*parte civile* Bland Mintoff iżda fi kliemha l-appellant kien jheddidha li jekk isibha ma' xi ħadd ieħor kien ser joqtolhom it-tnejn.

Illi din l-imġieba baqgħet tippersisti sakemm fl-24 ta' Ottubru 2016 l-appellant allegatament reġa' beda jilmenta dwar is-suspetti tiegħu u reġa' beda jimminaċċja lill-*parte civile* Bland Mintoff. Għalhekk dejjem fi kliem il-*parte civile* Bland Mintoff hija telgħet fuq u poġġiet l-affarijiet tiegħu f'bagalja u niżlet biha sabiex imur ġo lukanda u li sadanittant l-appellant daħal fil-kċina u ġab sikkina. Fi kliem il-*parte civile* meta hija niżlet isfel bil-bagalja hu ħebb għaliha u ta daqqa bis-sikkina f'sidirha bil-konsegwenza li hija spiċċat ma' l-art u bdiet tgħajjat. L-għajjat attira l-attenzjoni tat-tifel tagħha l-*parte civile* l-ieħor Daniel Mainwaring li qasam il-ġnien ta' wara u daħal fid-dar. It-tifel tagħha jgħid li l-appellant ħebb għalih bis-sikkina u tah żewġ daqqiet biha. Waqt il-kollutazzjoni il-*parte civile* Bland Mintoff ħarbet u l-istess għamel it-tifel. Flimkien mat-tfajla tat-tifel u xi ħbieb tiegħu huma marru l-*polyclinic* fejn ġew riferuti l-iSptar Mater Dei.

Illi sadanittant sar rapport lill-Pulizija li marru fuq il-post u raw li dan kien qed jaqbad. Il-forzi tal-ordni flimkien mal-Protezzjoni Ċivili bdew jippruvaw jitfu n-nar. Fl-istess ħin huma nnutaw sikkina taħt siġra tal-prinjol li kienet quddiem id-dar tal-*parte civile* u nnutaw ukoll xi qtar tad-demm nieżel mis-siġra liema frekwenza ta' qtar bdiet tiżdied. Sabiex jaraw x'kienet ir-raġuni huma telgħu b'makkinarju apposta u fis-siġra tal-prinjol kien

hemm l-appellant. Il-forzi tal-ordni nnutaw li l-appellant kien imweġġa' u kellu numru ta' daqqiet. Għalhekk hu ttieħed l-iSptar Mater Dei u wara ġie rikoverat l-iSptar Monte Carmeli.

Illi l-Qorti ser tgħaddi issa sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu.

**Ikkunsidrat**

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant huwa li fis-sentenza appellata ma hemmx motivazzjoni dwar l-imputazzjonijiet li dwarhom huwa nstab ħati u li għalhekk huwa diffiċli għalih jifhem ir-raġunijiet tal-Ewwel Qorti u jappella minnhom.

Illi dwar l-aggravju in eżami din il-Qorti tibda billi tagħmel riferenza għal Artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid hekk:

> "Il-qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat."

Illi din il-Qorti tagħmel riferenza għal sentenza mogħtija fl-20 ta' Novembru 2018 fl-ismijiet **Il-Pulizja vs. Maria Victoria Grech** (Numru 219/2018) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Din il-Qorti temmen li f'kawżi bħal din in ezami fejn si tratta ta' allegata offiża ħafifa fuq il-persuna ta' żewġ minuri minn ommhom, ikun ta' benefiċċju għal partijiet kollha li titniżżel il-motivazzjoni li abbażi tagħha l-Qorti tkun waslet għal deċiżjoni ta' ħtija. Minkejja dan, stante li jirriżulta li l-Qorti fis-sentenza appellata niżlet l-imputazzjoni, l-artikolu li dwaru sabet il-ħtija u l-piena f'dan il-każ il-liberta' kundizzjonata jfisser li l-kweżiti tal-Artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ġew

rispettati u għaldaqstant din il-Qorti ma tistax tilqa' l-ewwel aggravju tal-appellant. In-nuqqas ta' motivazzjoni ta' sentenza ma twassalx għan-nullita' tas-sentenza u f'dan ir-rigward din il-Qorti tħoss li hemm lok li ssir emenda fejn ikun rikjest li f'sentenza jitniżżel il-ħsieb jew motivazzjoni li jkun wassal lil dik il-Qorti għad-deċiżjoni li waslet għaliha." [emfażi miżjuda]

Illi din il-Qorti tagħmel tagħha l-insenjament hawn fuq ikkwotat. Ma' dan din il-Qorti żżid tgħid li filwaqt li ċertu kummenti fis-sentenza appellata setgħu jiġu evitati u li s-sentenza appellata setgħet tkun motivata aħjar, pero' hija tqies li r-rekwiżiti msemmija f'Artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jirriżultaw kollha kemm huma fl-istess sentenza in kwistjoni. Għalhekk tenut kont ta' dan kollu l-aggravju in eżami qed ikun miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi t-tieni aggravju jorbot mat-tieni (2), mat-tielet (3) u mar-raba' (4) imputazzjoni. L-appellant jisħaq li l-Ewwel Qorti waslet għal konklużjoni dwarhom mingħajr ma spjegat b'liema mod il-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova li hu kellu intenzjoni li jikkawża offiża ta-natura gravissima meta kull ma rriżulta kienet ferita ħafifa. Jispjega li l-argument kien bejnu u l-*parte civile* Bland Mintoff waqt li l-argument eskala meta ntervjena t-tifel. Jisħaq li l-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova li kien hemm tentattiv ta' offiża gravi jew tentattiv ta' offiża gravissima billi skont hu ma ġiex pruvat li hu kellu l-intenzjoni speċifika li jikkaġuna xi waħda minn dawk il-konsegwenzi li jikkaraterizza l-offiża gravi jew l-offiża gravissima skont il-każ. Jagħlaq dan l-aggravju billi jargumenta li minħabba li hemm dubju dwar l-intenzjoni speċifika dan għandu jmur a favur tiegħu.

Illi din il-Qorti tinnota li l-Ewwel Qorti għamlet distinzjoni bejn Artikoli 216 u 218 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Kif qalet l-Ewwel Qorti wkoll l-appellant ġie mixli ta' attentat taħt Artikolu 218 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Dwar l-attentat tal-offiża

gravi fuq il-persuna, fin-Noti tiegħu Notes on Criminal Law (Second Year) il-Professur Sir Anthony Mamo jgħid jekk:

> "But this doctrine was not, generally speaking, accepted by Italian tribunals[2] which admitted the possibility of a charge of an attempted bodily harm more serious than that in fact caused. The contrary opinion raises to the status of a general rule what is merely in particular cases (may be numerous) simply a difficulty in evidence. Looking at the classification of offences as made by the Law it is not difficult to imagine certain circumstances in which, having regard to the means used by the offender and his mode of action, one may be certain of his intention to produce one rather than another of the effects therein mentioned. Should there still remain a doubt as to the gravity of the result aimed at by the offender, the principle will naturally apply: *"in dubio pro reo"*. Of course, if the result actually produced is punishable with a higher punishment than the attempt of the result intended, nothing will prevent the Prosecution from preferring the charge liable to the higher punishment[3]." [emfażi miżjuda]

Illi għalhekk dak li trid tara din il-Qorti hu jekk mill-azzjonijiet tal-appellant tirriżultax intenzjoni tiegħu li jwettaq ir-reat ikkontemplat taħt Artikolu 218 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Din il-Qorti tibda billi tgħid li mill-verżjonijiet li hemm fl-atti proċesswali jirriżulta li l-verżjoni mogħtija mill-*parte civile* Bland Mintoff hija l-aktar kredibbli.

Illi wieħed jinnota li skont il-*parte civile* Bland Mintoff l-appellant ripetutament kien imminaċċja li joqtol lilha u l-persuna terza li kien qed jimmaġina li kellha relazzjoni magħha. Għandu jiġi nnutat ukoll li l-appellant kien qed juża sikkina. Din il-Qorti hija tal-fehma li persuna tuża sikkina fiċ-ċirkostanzi deskritti mill-*parte*

[2] "V. Altavilla, [Trattato di Diritto Penale, Vol. X], p. 44."
[3] "V. Maino, Art. 372, para. 1633."

*ċivile* bil-għan li tikkawża feriti fuq l-istess *parte civile*. Magħdud ma' dan hemm in-natura tal-feriti ikkawżati. Fir-rapport tiegħu (Vol. I: Dok. "MS 1" – *a fol.* 203 *et seq.*), l-espert Dr. Mario Scerri kklassifika l-feriti sofferti mill-*parte civile* Bland Mintoff u l-*parte civile* Mainwaring bħala ta' natura ħafifa. Minkejja dan din il-Qorti nnutat ukoll li l-pożizzjoni tal-ferita fuq il-*parte civile* Bland Mintoff hija partikolari ħafna u ċioè fuq is-sider viċin l-arja tal-qalb. Minbarra dan fix-xiehda tagħha (Vol. I: *a fol.* 77), Bland Mintoff tispjega li l-appellant kien qed jipprova jagħtiha daqqa ta' sikkina minn taħt il-bagalja li kellha f'idha u li kien minħabba l-intervent tat-tifel tagħha li ma rnexxilux fl-intenzjoni tiegħu.

Illi, tenut kont ta' kollox, speċjalment il-fatt li l-*parte civile* kellha ferita fuq sidirha fil-pożizzjoni tal-qalb turi l-intenzjoni tal-appellant li jikkawża feriti li fl-intendiment tiegħu kellhom ikunu aktar gravi minn dawk li rriżultaw. Dan japplika wkoll fir-rigward ta' Daniel Mainwaring. Għalhekk din il-Qorti taqbel li l-Ewwel Qorti setgħet tasal għal konklużjoni li waslet għaliha fir-rigward ta' dak argumentat mill-appellant fl-aggravju in eżami u għaldaqstant dan l-aggravju qed ikun miċħud ukoll.

**Ikkunsidrat**

Illi fit-<u>tielet aggravju</u> tiegħu l-appellant jagħmel riferenza għal Artikoli 221(1) u (2) u 222(1)(a) b'riferenza għal Artikolu 202(h)(v) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Jargumenta li l-Ewwel Qorti ma semmietx xi provi kien hemm li l-feriti tiegħu kienu *self-inflicted* meta skont hu *"lanqas it-tobba ma kienu daqstant emfatiċi jew iddikjaraw b'ċertezza li l-feriti kienu self-inflicted."* Jagħmel riferenza għax-xiehda mismugħa waqt il-proċeduri u jikkonkludi li ma hemmx il-provi neċessarji sabiex jiġi konkluż li l-feriti kienu *self-inflicted*. Jisħaq li l-aktar li jista' jinstab ħati tiegħu huwa li kkawża ferita ħafifa b'oġġett li jaqta'.

Illi din il-Qorti tinnota li fix-xiehda mogħtija minn Dr. Anton Grech (Vol. III: *a fol.* 585 *et seq.*) huwa qal illi meta nvista l-appellant dan ma kienx juri sintomi li jagħmel ħsara lilu nnifsu. Minbarra dan, din il-Qorti tinnota wkoll li fix-xiehda tiegħu l-

espert Dr. Mario Scerri (Vol. I: *a fol.* 198 *et seq.*) jispjega li l-feriti tal-appellant kellhom *pattern* li kienu *self-inflicted*.

Illi peress li Dr. Scerri ma kienx konklussiv dwar dak imsemmi minnu fil-paragrafu preċedenti, din il-Qorti fliet ix-xiehda li hemm fl-atti proċesswali u tinnota li fix-xiehda mogħtija minn Tim Willie (Vol. III - *a fol.* 517 *et seq.*) huwa jispjega li meta kienu qed iniżżlu lill-appellant mis-siġra huwa ntelaq biex jaqa' għal isfel. Dan ġie kkonfermat ukoll minn Anthony Pisani (Vol. III – *a fol.* 562 *et seq.*) meta fid-depożizzjoni tiegħu huwa qal li l-appellant ipprova jaqa'.

Illi, b'żieda ma' dak li ngħad hawn fuq, fid-depożizzjoni tiegħu l-iSpettur Keith Arnaud (Vol. III - *a fol.* 554 *et seq.*) xehed li ġie nnutat li kien qed iqattar id-demm mis-siġra tal-prinjol u li l-qtar beda jżid mal-mogħdija taż-żmien. Fil-fehma ta' din il-Qorti dan ifisser li l-feriti tal-appellant kienu għadhom friski għax kieku kienu jibdew jagħlqu u mhux jitilfu aktar demm. Meta wieħed jorbot ma' dan il-fatt li fid-dar kien għad baqa' huwa biss isegwi li kien huwa li għamel il-feriti fuqu nnifsu!

Illi tenut kont ta' dak imsemmi hawn fuq din il-Qorti hija tal-fehma li huwa minnu li l-feriti kienu *self-inflicted* u għalhekk l-Ewwel Qorti setgħet raġonevolment tasal għal konklużjoni li waslet għaliha. Konsegwentement anke dan l-aggravju in eżami qed jiġi miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi permezz tar-<u>raba' aggravju</u> l-appellant jgħid li l-imputazzjoni li huwa qabad sikkina kontra Bland Mintoff u Mainwaring hija inkluża fit-tieni (2), fit-tielet (3) u fir-raba' (4) imputazzjoni.

Illi din il-Qorti tifhem li l-appellant qed jirreferi għas-seba' (7) imputazzjoni. Mhux ċar eżatt x'qed jgħid l-appellant f'dan l-aggravju pero' f'każ li l-appellant qed jirreferi għall-assorbiment tal-piena, din il-Qorti tinnota li fid-*decide* tas-sentenza appellata l-Ewwel Qorti ssemmi Artikolu 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. B'hekk ir-raba' aggravju qed ikun miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi l-ħames aggravju tal-appellant huwa marbut mal-fatt li ngħata volontarjament in-nar u l-appellant jilmenta li ma hemmx prova li kien huwa. Jisħaq li l-Ewwel Qorti waslet għal konklużjoni li ma setgħax ħlief li jkun huwa wara li qalet li mill-provi rriżulta li meta ħa n-nar ma kien hemm ħadd mir-residenti billi telqu mill-post sabiex imorru ċ-Ċentru tas-Saħħa. Jilmenta li dan mhux biżżejjed fil-kamp kriminali. Jilmenta wkoll li l-Ewwel Qorti naqset milli tidħol fil-konsiderazzjonijiet legali li ressaq huwa u ċioè li għandu japplika Artikolu 318 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u mhux Artikolu 317(b) tal-istess Kapitolu.

Illi dwar il-kwistjoni ta' min qabbad in-nar, din il-Qorti tirreferi għar-rapport (Vol. II: Dok. "DV 1" – *a fol.* 248 *et seq.*) mħejji mill-espert Dr. Daniel Vella u għax-xiehda mogħtija minnu (Vol. II: *a fol.* 245 *et seq.*) fejn l-istess Vella eskluda li n-nar kien aċċidentali anzi jgħid li kien ta' natura doluża. Stante li l-unika persuna li seta' jqabbad in-nar li kellu l-movent u li kien fuq il-post kien l-appellant jikkonsegwi b'mod naturali li abbażi ta' dawn il-provi l-Ewwel Qorti setgħet raġonevolment tasal għal konklużjoni li waslet għaliha.

Illi rigward il-punt dwar l-applikabilita' ta' Artikolu 317 jew 318 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti jirriżultalha li mir-ritratti li hemm fl-atti proċesswali (Vol. II: *a fol.* 331 *et seq.*) jidher li hemm bini ieħor fil-madwar u jidher ukoll li hemm xi siġar għalhekk in-nar seta' jinfirex għal bini ieħor. Isegwi għalhekk li kien applikabbli Artikolu 317 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u mhux Artikolu 318.

Illi għalhekk anke dan l-aggravju jistħoqqlu jiġi miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi fis-sitt aggravju l-appellant jilmenta l-Ewwel Qorti naqset milli tikkunsidra l-mistoqsijiet li qajjem huwa fir-raba' (4) u l-ħames (5)

pağna tan-Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu li fil-fehma tiegħu jqajjmu dubju raġonevoli.

Illi din il-Qorti qrat il-mistoqsijiet imqajjma mill-appellant u rigward dawk relatati mal-feriti li sofra hu u jidhrilha li diġa' indirizzat il-punti mqajjma. Minkejja dawn id-domandi huma ma jwasslux lil din il-Qorti tasal għal xi forma konklużjoni ta' dubju raġonevoli. Dwar id-domandi l-oħra, fil-fehma ta' din il-Qorti dawn ma jbiddlu xejn mill-aġir li l-appellant instab ħati tiegħu. Għalhekk anke dan l-aggravju qed ikun miċħud ukoll.

**Ikkunsidrat**

Illi fis-seba' aggravju l-appellant jilmenta kontra bran fis-sentenza appellata b'konnotazzjonijiet politiċi minħabba li fil-fehma tiegħu dawn mill-ewwel joħolqu preġudizzju. Jilmenta dwar il-fatt li qisu ċertu logs kellhom piż fuq id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti.

Illi jibda billi jingħad li din il-Qorti ma tinkuraġġix kliem żejda fis-sentenzi mogħtija mill-Qrati b'dan illi s-sentenzi għandhom jillimitaw ruħhom għall-atti proċesswali u xejn aktar. Magħdud ma' dan, u apparti dak iċċitat mis-sentenza appellata mill-appellant fl-aggravju in eżami, għandu jiġi nnutat li fis-sentenza appellata ngħad ukoll hekk (Vol. III: *a fol.* 707):

> "Il-Qorti tal-Maġistrati għandha każ quddiemha li tittrattah bħal kull każ ieħor bħalu li jkun assenjat lilha. Min jiġi akkużat għandu dritt illi jiddefendi ruħu – kollox kif tistabbilixxi l-liġi għal kulħadd."

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti għalhekk l-Ewwel Qorti riedet twassal messaġġ lil terzi li jistgħu jabbużaw mill-preżenza tagħhom fil-*media* soċjali waqt li riedet iserraħ ras l-appellant allura imputat li hija kienet ser tittratta dan il-każ bħal kull każ ieħor. B'hekk anke is-seba' aggravju qed ikun miċħud ukoll.

**Ikkunsidrat**

Illi permezz tat-tmien aggravju l-appellant jilmenta dwar il-piena erogata u l-fatt li din kienet ixxaqleb biss lejn naħa waħda. Jilmenta dwar l-asserzjoni li hu huwa periklu għas-soċjeta' u jilmenta li l-Ewwel Qorti ma spjegatx kif waslet għal piena erogata**.**

Illi din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fl-20 ta' Diċembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Wajdi Lazhir Benhamed** (Numru 386/2022) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "10. Issa, għal dak li jirrigwarda appelli minn piena, huwa paċifiku li sabiex Qorti tal-Appell tibdel il-piena li tkun erogat l-ewwel Qorti, irid jirriżultalha li tali piena tkun żbaljata fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva. [...]
>
> 11. Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha."

Illi l-Qorti taqbel ma' dak hawn fuq ikkwotat u tagħmlu tagħha. Fid-*decide* tas-sentenza appellata, l-Ewwel Qorti għamlet riferenza għal Artikoli tal-liġi in kwistjoni u għaddiet biex tagħti piena ta' sitt snin priġunerija. Wara li din il-Qorti rat il-piena erogata mill-Ewwel Qorti u dak li l-appellant allura imputat ġie misjub ħati tiegħu jirriżultalha li l-piena in kwistjoni hija waħda fil-parametri tal-liġi.

Illi dwar dak sottomess mill-konsulent legali tal-appellant fis-sottomissjonijiet ulterjuri bil-fomm li nstemgħu quddiem din il-Qorti kif preseduta fil-5 ta' Ottubru 2023, din il-Qorti tinnota li l-fatt li l-appellant kważi diġa' skonta l-piena erogata mill-Ewwel Qorti minħabba r-raġunijiet imsemmija minnu ma għandux iwassal lil din il-Qorti sabiex tvarja l-piena ta' priġunerija mposta mill-Ewwel Qorti. Fir-rigward tat-talba tal-appellant sabiex jiġi

applikat Artikolu 21 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta fejn jirrigwarda l-ispejjeż li hu ġie kkundannat iħallas mill-Ewwel Qorti, din il-Qorti tinnota li r-raġunijiet imsemmija waqt is-sottomissjonijiet in kwistjoni huma bla ebda bażi legali.

Illi għalhekk dak mitlub mill-appellant kif hawn fuq imsemmi qed jiġi miċħud ukoll.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Gheorghe Popa u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**